A.L. 408 ta' l-2003

ATT TA' l-2003 DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (ATT NRU. XIII TA' L-2003)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Espożizzjoni Medika għal Radjazzjoni Jonizzanti.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-subartiklu 26(m) ta' l-Att ta' l-2003 dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru tas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-tilolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar Espożizzjoni Medika għal Radjazzjoni Jonizzanti.

Bidu fis-seħħ.

2. Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru, 2003.

Infurzar.

3. Hu is-Suprentendent tas-Saħħa li għandu s-setgħa li jinforza dawn ir-regolamenti.

Interpretazzjoni.

4. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor:

"assikurazzjoni ta' kwalità" tfisser dawk l-azzjonijiet ippjanati u sistematiċi meħtieġa biex jagħtu fiduċja biżżejjed li struttura, sistema, komponent jew proċedura jaġixxu b'mod sodisfaċenti f'konformità ma' *standards* miftehmin;

"aspetti prattiċi" tfisser it-tmexxija fiżika ta' kull espożizzjoni msemmija fir-regolament 5(1) u kull aspett li jappoġġjaha inkluż il-maniġġ u l-użu ta' tagħmir radjoloġiku, u l-valutazzjoni ta' parametri tekniċi u fiżiċi inklużi dożi ta' radjazzjoni, kalibrar u manutenzjoni ta' tagħmir, preparazzjoni u amministrazzjoni ta' radjo-farmaċewtiċi u l-iżviluppar tal-films;

"Bord" tfisser il-Bord għall-Ħarsien mir-radjazzjoni kif kostitwit skond l-artikolu 3 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar is-Sigurtà Nukleari u Ħarsien mir-Radjazzjoni;

"detriment individwali" tfisser effetti ta' ħsara osservati klinikament kif espressi f'individwi jew id-dixxendenti tagħhom, li d-dehra tal-preżenza tagħhom hija jew immedjata jew ritardata u, f'dan l-aħħar każ, timplika probabbilità aktar milli ċertezza tad-dehra tal-preżenza;

"doża tal-pazjent" tfisser id-doża fil-każ ta' pazjenti jew individwi oħra li jkunu sottoposti għal espożizzjoni medika;

"dożimetrija tal-pazjent" tfisser id-dożimetrija fil-każ ta' pazjenti jew individwi oħra li jkunu sottoposti għal espożizzjoni medika;

"espert fil-fiżika medika" tfisser espert fil-fiżika tar-radjazzjoni jew fit-teknoloġija tar-radjazzjoni applikata għall-espożizzjoni, għall-finijiet ta' dawn ir-Regolamenti, li għandu grad fix-xjenza jew l-ekwivalenti tiegħu u għandu esperjenza fl-applikazzjoni tal-fiżika għal użijiet dijanjostiċi u terapewtiċi tar-radjazzjoni jonizzanti u li t-taħriġ u kompetenza tiegħu biex jaġixxi f'qasam ta' prattika speċifiku huma rikonoxxuti mill-Bord; u li, kif hu xieraq, jaġixxi jew jagħti parir fuq id-dożimetrija tal-pazjenti, fuq l-iżvilupp u l-użu ta' tekniki u tagħmir kumplessi, fuq l-ilquħ ta' l-ogħla livelli, fuq assigurazzjoni ta' kwalità, inkluż il-kontroll tal-kwalità, u fuq materji oħra relatati mal-ħarsien mir-radjazzjoni, li għandhom x'jaqsmu mal-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"espożizzjoni" tfisser il-proċess li bih wieħed ikun espost għal radjazzjoni jonizzanti;

"eżami tas-saħħa" tfisser proċedura li tuża stallazzjonijiet radjoloġiċi biex issir dijanjosi bikrija ta' gruppi tal-popolazzjoni esposti għal riskju;

"kontroll tal-kwalità" hija parti mill-assigurazzjoni tal-kwalità u tfisser is-sett ta' operazzjonijiet (programmar, koordinar, implementar) maħsub biex iżomm jew itejjeb il-livell tal-kwalità. Dan ikopri kontroll kontinwu, evalwazzjoni u manutenzjoni fil-livelli neċessarji tal-karatteristiċi kollha ta' kif jaħdem it-tagħmir li jista' jkun definit, mkejjel u kkontrollat;

"livelli ta' referenza dijanjostika" tfisser livelli ta' dożi fil-prattiċi radjodijanjostiċi jew, fil-każ ta' radjo-farmaċewtiċi, livelli ta' attività, għal eżamijiet tipiċi għal gruppi ta' pazjenti ta' daqs normali jew *standard phantoms* għal tipi ta' tagħmir li jaqgħu taħt definizzjoni wiesgħa. Hu mistenni li dawn il-livelli ma jinqabżux fil-każ ta' proċeduri *standard* meta tkun applikata prattika tajba u normali fir-rigward ta' operat dijanjostiku u tekniku;

"min jirreferi" tfisser tabib, dentist jew professjonist tas-saħħa ieħor rikonoxxut mill-Bord, li għandu dritt, skond il-proċeduri tal-prinċipal, jirreferi individwi għal espożizzjoni medika lil professjonist mediku;

"operatur" tfisser kull persuna li hija intitolata, skond il-proċeduri tal-prinċipal, biex tesegwixxi aspetti prattiċi;

"proċeduri mediko-legali" tfisser proċeduri meħudin għal finijiet ta' assigurazzjoni jew legali mingħajr indikazzjoni medika;

"proċedura radjoloġika medika" tfisser kull proċedura li għandha x'taqsam ma' espożizzjoni medika;

"professjonist mediku" tfisser tabib, dentist jew professjonist tas-saħħa ieħor li, skond il-proċeduri tal-prinċipal, jerfa' r-responsabbiltà klinika għal espożizzjoni medika ta' individwu u li t-taħriġ u l-kompetenza tiegħu li jaġixxi f'qasam ta' prattika speċifiku hu rikonoxxut mill-Bord;"tifel jew tifla" tfisser persuna li għad ma għalqitx it-18-il sena;

"reviżjoni klinika" tfisser eżami jew reviżjoni sistematika ta' proċeduri radjoloġiċi mediċi bl-iskop li jtejjbu l-kwalità u r-riżultati tal-kura tal-pazjenti permezz ta' reviżjoni strutturata li biha prattiċi, proċeduri u riżultati radjoloġiċi huma eżaminati fid-dawl ta' *standards* stabbiliti għal proċeduri radjoloġiċi mediċi tajbin, b'modifiki ta' prattiċi meta dan ikun indikat u l-applikazzjoni ta' *standards* ġodda jekk dan ikun meħtieġ;

"restrizzjoni fuq id-doża" tfisser restrizzjoni fuq dożi prospettivi mogħtija lil individwi li jistgħu jirriżultaw minn għejun definiti għall-użu fl-istadju ta' ppjanar għall-ħarsien mir-radjazzjoni kull meta jkun hemm involut l-ilħuq ta' l-ogħla livelli.

"prinċipal" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lil prinċipal ta' ħidma ta' radjazzjoni fir-Regolament ta' l-2003 dwar Sigurtà Nukleari u Ħarsien mir-Radjazzjoni;

"radiodijanjostiku" tfisser li għandu x'jaqsam ma' mediċina nukleari dijanjostika *in vivo*, radjoloġija dijanjostika medika, u radjoloġija dentali;

"radjoloġiku" tfisser li għandu x'jaqsam mal-proċeduri radjodijanjostiċi u radioterapewtiċi u radjoloġija li tintervjeni jew radjoloġija oħra li tippjana u tiggwida;

"radjoterapewtiku" tfisser li għandu x'jaqsam ma' radjoterapija, inkluża mediċina nukleari għal skopijiet terapewtiċi;

"reviżjoni klinika" tfisser eżami jew reviżjoni sistematika ta' proċeduri radjoloġiċi mediċi bl-iskop li jtejjbu l-kwalità u r-riżultati tal-kura tal-pazjenti permezz ta' reviżjoni strutturata li biha prattici, proċeduri u riżultati radjoloġiċi huma eżaminati fid-dawl ta' *standards* stabbiliti għal proċeduri radjoloġiċi mediċi tajba, b'modifiki ta' prattici fejn dawn huma indikati u l-applikazzjoni ta' *standards* ġodda jekk dawn ikunu meħtieġa;

"restrizzjoni fuq id-doża" tfisser restrizzjoni fuq dożi prospettivi mogħtija lil individwi li jistgħu jirriżultaw minn għejun definiti għall-użu fl-istadju ta' ppjanar għall-ħarsien mir-radjazzjoni kull meta jkun hemm involut l-ilħuq ta' l-ogħla livelli;

"sorveljanza tas-saħħa fuq ix-xogħol" tfisser is-sorveljanza medika tal-ħaddiema kif speċifikat mill-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq ix-Xogħol bis-saħħa tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"spezzjoni" tfisser investigazzjoni mill-Bord jew minn xi persuna jew persuni awtorizzati jew minn xi korp korporattiv stabbilit mil-liġi jew taħt il-liġi, f'isem il-Bord biex jivverifikaw konformità ma' dawn ir-regolamenti;

"stallazzjoni radjoloġika" tfisser faċilità li jkun fiha tagħmir radjoloġiku;

"tagħmir" tfisser tagħmir li jgħaddi radjazzjoni jonizzanti lil persuna li tkun esposta għal kura medika u tagħmir li jikkontrolla jew jinfluwenza direttament l-ammont ta' din l-espożizzjoni;

"taħriġ adegwat" tfisser taħriġ li jissodisfa l-ħtiġiet għal tagħrif teoretiku u esperjenza prattika kif determinati mill-Bord. Dan it-taħriġ għandu jkun jasal għal dak li jitolbu l-funzjonijiet u l-qasam speċifiku ta' prattika ta' operaturi f'dan il-qasam, skond kif addattat u meħtieġ;

"tifel" tfisser persuna li għad ma għalqitx it-18-il sena.

5. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-espożizzjonijiet mediċi li ġejjin: Applikazzjoni.

(a) L-espożizzjoni ta' pazjenti bħala parti mid-dijanjosi jew kura medika tagħhom infushom;

(b) L-espożizzjoni ta' individwi bħala parti minn sorveljanza tas-saħħa fuq ix-xogħol;

(c) L-espożizzjoni ta' individwi bħala parti minn programmi ta' eżami tas-saħħa;

(d) L-espożizzjoni ta' individwi jew pazjenti b'saħħithom li jieħdu sehem volontarjament fi programmi ta' riċerka mediċi jew bijomediċi, dijanjostiċi jew terapewtiċi;

(e) L-espożizzjoni ta' individwi bħala parti minn proċeduri mediko-legali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għall-espożizzjoni ta' individwi li jgħinu, minbarra jekk dan ikun parti mix-xogħol tagħhom, fl-appoġġ u l-kumditá ta' individwi li jkunu esposti għal trattament mediku.

6. (1) Ebda xorta ta' prattika li timplika espożizzjoni medika m'għandha ssir jekk ma tkunx awtorizzata mill-Bord. Ġustifikazzjoni.

(2) Tipi ta' prattici eżistenti li jinvolvu espożizzjoni medika għandhom ikunu mistħarrġa mill-ġdid mill-Bord kull meta tinkiseb xhieda ġdida dwar l-effikaċja jew il-konsegwenzi tagħhom.

7. (1) Ebda professjonist mediku ma jista' jawtorizza espożizzjoni medika jekk ma tax il-konsiderazzjoni dovuta lill-: Kondizzjonijiet li jiġġustifikaw espożizzjonijiet mediċi.

(a) Oġġettivi speċifiċi ta' l-espożizzjoni u l-karatteristiċi ta' l-individwu involut;

(b) Il-volumi li jridu jintlaħqu maħsubin għal skop radjoterapewtiku huma ppjanati individwalment waqt li jitqies li dożi ta' volumi mhux limitati u tat- *tissues* għandhom jinżammu baxxi kemm jista' jkun u jkunu konsistenti ma' l-iskop radjoterapewtiku ta' l-espożizzjoni maħsub minn qabel;

(c) Benefiċji dijanjostiċi potenzjali totali jew il-benefiċji terapewtiċi totali li tipproduċi;

(d) Benefiċji għas-saħħa diretti lill-individwu u l-benefiċji lis-soċjetà;

(e) ħsara individwali li l-espożizzjoni tista' tikkaġuna;

(f) Effikaċja, benefiċji u riskji ta' tekniki alternattivi aċċessibbli li għandhom l-istess oġġettiv iżda li jinvolvu inqas espożizzjoni jew ebda espożizzjoni għal radjazzjoni jonizzanti.

(2) Kull espożizzjoni medika għat-termini tar-regolament 5(1)(d) teħtieġ l-approvazzjoni minn qabel tal-Bord li jaġixxi fuq il-parir ta' kumitat ta' l-etika.

Dmirijiet tal-prinċipal.

8. (1) Il-prinċipal għandu jiżgura li jkun hemm proeduri bil-miktub għal espożizzjoni medika u li għandhom jinkludu:

(a) proċeduri biex l-individwu li se jkun espost għal radjazzjoni jonizzanti jkun identifikat korrettament;

(b) proċeduri biex ikunu identifikati individwi intitolati li jaġixxu bħala min jirreferi, professjonist mediku jew operatur;

(c) proċeduri li jridu jkunu osservati fil-każ ta' espożizzjonijiet mediko-legali;

(d) proċeduri biex isiru talbiet minn nisa fl-età li jista' jkollhom tfal biex ikun stabbilit jekk il-mara hix jew tistax tkun tqila jew jekk hix jew tistax traddaħ;

(e) proċeduri biex jiżguraw li jkunu segwiti programmi ta' assigurazzjoni ta' kwalità;

(f) proċeduri għall-valutazzjoni ta' doża ta' pazjent u attività ta' amministrazzjoni tad-doża;

(g) proċeduri għall-użu ta' livelli ta' referenza dijanjostika;

(h) proċeduri għal programmi mediċi u bijomediċi kif imsemmi fir-regolament (5(1)(d)**;** inkluż l-użu ta' restrizzjonijiet tad-doża;

(i) proċeduri għall-għoti ta' informazzjoni u struzzjonijiet bil-miktub kif imsemmi fir-regolament 11(1);

(j) proċeduri biex jingħataw u jkunu irrekordjati dożi għal kull espożizzjoni medika inklużi, fejn xieraq u meħtieġ, fatturi rilevanti għad-doża ta' pazjent;

(k) proċeduri biex jiżguraw li l-probabbilta' u l-għadd ta' dożi aċċidentali jew mhux kif intenzjonati lil pazjenti li jkunu tqiegħdu taħt prattiċi radjoloġiċi jitnaqqsu b'mod raġonevoli kemm jista' jkun;

(l) proċeduri biex issir reviżjoni klinika kif xieraq u meħtieġ.

(2) Il-prinċipal għandu jieħu passi biex jiżgura li l-professjonist mediku u l-operatur jikkonformaw mal-proċeduri miktubin.

(3) Fil-każ ta' prinċipal li jkun fl-istess ħin professjonist mediku jew operatur, hu nnifsu għandu jikkonforma ma' dawn il-proċeduri.

(4) Il-prinċipal għandu jiżgura li protokolli miktubin ikunu mwaħħlin fil-post għal kull tip ta' prattika radjoloġika *standard* għal kull tip ta' tagħmir.

(5) Il-prinċipal għandu jistabilixxi:

(a) kriterji ta' kif jirreferi lil xi ħadd għal espożizzjoni medika, inklużi dożi ta' radjazzjoni, u għandu jiżgura li dawk ikunu aċċessibbli għal min jirreferi;

(b) programmi ta' assigurazzjoni ta' kwalità għal proċeduri ta' operat *standard*;

(c) livelli ta' referenza dijanjostika għal eżamijiet radjodijanjostiċi li jaqgħu taħt ir- regolamenti 5(1)(a), 5(1)(b), 5(1)(c) u 5(1)(e) waqt li jittieħed kas tal-livelli ta' referenza dijanjostika Ewropea meta dawn huma aċċessibbli, liema livelli jridu jkunu approvati mill-Bord;

(d) restrizzjonijiet ta' dożi għal programmi ta' riċerka bijomedika u medika li jaqgħu taħt ir-regolament 5(2) meta ma jkun mistenni ebda benefiċju mediku dirett mill-espożizzjoni lill-individwu;

(e) gwida xierqa u restrizzjonijiet ta' dożi għal espożizzjoni ta' individwi msemmija fir-regolament 5(2).

(6) Il-prinċipal għandu jara sewwa l-livelli ta' referenza dijanjostiċi u għandu jiżgura livelli korrettivi meta dawn il-livelli jinqabżu konsistentement:

Iżda l-prinċipal iżomm record ta' dawn il-livelli, liema record għandu jkun ukoll ippreżentat lill-Bord.

(7) Meta l-prinċipal ikun jaf jew ikollu raġuni biex jaħseb li inċident ġara jew seta' ġara li fih persuna, waqt li kienet mqiegħda taħt espożizzjoni medika, minbarra b'riżultat ta' funzjonament ħażin jew difett fit-tagħmir, ġiet esposta għal radjazzjoni jonizzanti f'livell wisq ogħla milli dak intenzjonat, il-prinċipal għandu immedjatament jagħmel investigazzjoni preliminari ta' l-inċident u, minbarra meta dik l-investigazzjoni turi bla ebda dubju raġonevoli li ma kienx hemm din l-espożizzjoni żejda, il-prinċipal għandu immedjatament jgħarraf lill-Bord u jagħmel jew jieħu ħsieb li ssir investigazzjoni dettaljata taċ-ċirkustanzi ta' l-espożizzjoni u valutazzjoni tad-doża li tkun ittieħdet.

Konformità ma' l-istruzzjonijiet tal-prinċipal.

9. Il-professjonist mediku u l-operatur għandhom jikkonformaw mal-proċeduri tal-prinċipal.

Dmirijiet tal-professjonist mediku, ta' min jirreferi u ta' l-operatur.

10. Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 7(1)(b), l-operatur għandu jagħżel tagħmir u metodi biex jiżgura li għal kull espożizzjoni medika d-doża ta' radjazzjoni jonizzanti lil individwu li jkun qed jiġi espost hija kemm jista' jkun raġonevolment baxxa u konsistenti ma' l-iskop mediku jew terapewtiku maħsub, u f'din il-konsiderazzjoni hu għandu joqogħod attent b'mod speċjali għal:

(a) assikurazzjoni tal-kwalità; jew

(b) valutazzjoni tad-doża tal-pazjent jew l-attività li tamministraha;

(c) aderenza għal livelli ta' referenza dijanjostiċi għal eżamijiet radjodijanjostiċi li jaqgħu taħt ir-regolamenti 5(1)(a), 5(1)(b), 5(1)(c) u 5(1)(e) kif imniżżlin fil-proċeduri tal- prinċipal.

Struzzjonijiet bil-miktub u informazzjoni.

11. (1) Fil-każ ta' pazjenti li jkunu qed jieħdu kura jew jagħmlu dijanjosi bi prodotti mediċinali radjoattivi, il-proċeduri tal-prinċipal għandhom jipprovdu li, meta jkun xieraq u meħtieġ, jingħataw struzzjonijiet bil-miktub u informazzjoni biex:

(a) il-pazjent, meta għandu l-ħila li jagħti kunsens għal kura jew proċedura dijanjostika; jew

(b) meta l-pazjent hu tifel li ma jkollux il-ħila li tagħti dan il-kunsens, il-persuna li għandha responsabbilità ta' ġenitur tat-tifel;

(c) meta l-pazjent hu adult li ma jkollux il-ħila li jagħti l-kunsens, il-professjonist mediku għandu jiddeċiedi fl-aħjar interess tal-pazjent.

(2) Il-pazjent għandu jkun infurmat kif id-doża jistgħu jiġu ristretti kemm jista' jkun raġonevolment possibbli biex jitħarsu persuni li jiġu f'kuntatt miegħu.

(3) Waqt li jikkonforma ruhu ma' l-obbligi taħt dawn ir-regolamenti, il-professjonist mediku u l-operatur għandhom jiżguraw l-ogħla livell ta' espożizzjoni medika u għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-:

(a) ħtieġa li doża kkaġunati minn espożizzjonijiet medikolegali jinżammu kemm jista' jkun baxxi;

(b) espożizzjonijiet mediċi ta' tfal;

(ċ) espożizzjonijiet mediċi bħala parti minn programm ta' eżami tas-saħħa;

(d) espożizzjonijiet mediċi li jinvolvu doża għoljin lill-pazjent;

(e) meta adatt, nisa li ma tistax teskludi li jkunu tqal u li jkunu taħt espożizzjoni medika, partikolarment jekk ikunu involuti n-naħiet ta' l-addome u l-pelvi, waqt li titqies ta' l-espożizzjoni kemm ta' l-omm tqila u kemm tat-tarbija mhux imwielda; u

(f) meta adatt, nisa li jkunu jreddgħu u li jkunu esposti għal mediċina nukleari, waqt li titqies l-espożizzjoni kemm tal-mara u kemm tat-tarbija.

(4) Ebda persuna ma għandha, fil-każ ta' fluworoskopija, tagħmel eżami bla ma tuża teknika ta' intensifikazzjoni ta' immaġni jew ekwivalenti tagħha. Iżda li eżamijiet bla tagħmir għall-kontroll tar-rata tad-doża għandhom ikunu limitati għal ċirkostanzi ġustifikati.

12. Il-prinċipal għandu jiżgura li espert tal-fiżika medika jkun: Parir ta' esperti.

(a) involut mill-qrib f'kull prattika radjoterapewtika minbarra fi prattici ta' mediċina nukleari terapewtika standardizzata;

(b) aċċessibbli fil-każ ta' prattici ta' mediċina nukleari terapewtika standardizzata u fi prattiċi ta' mediċina nukleari dijanjostika;

(c) involvut kif meħtieġ għal konsultazzjoni fuq l-ilħuq ta' l-ogħla livelli, inkluża d-dożimetrija lill-pazjent u l-assikurazzjoni ta' kwalità, kalibrar ta' tagħmir, u biex jagħti parir fuq materji relatati ma' ħarsien mir-radjazzjoni konnessi ma' espożizzjoni medika, kif meħtieġ, fil-prattici radjoloġiċi l-oħra kollha.

Dmir ġenerali.

13. Għandu jkun id-dmir tal-persuni kollha li jikkonformaw malħtiġiet jew dmirijiet kollha imposti fuqhom f'dawn ir-regolamenti u li jagħtu l-għajnuna kollha u jikkoperaw bis-sħiħ, b'kull mezz possibbli, mal-Bord jew ma' l-uffijali debitament awtorizzati tiegħu.

Infurzar.

14. (1) Kull ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandu jitqies bħala reat.

(2) Kull azzjoni meħuda mill-Bord fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti għandha titqies li tkun ittieħdet f'isem is-Suprentendent tas-Saħħa Pubblika.

(3) F'kull proċedura għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jikkonsisti fin-nuqqas ta' konformità ma' dmir jew ħtieġa, jkun l-akkużat li jkollu jipprova li ma kienx prattikabbli li jagħmel aktar milli fil-fatt ikun sar biex jissodisfa kull ħtieġa taħt tad-dawn ir-regolamenti.

Il-Bord għandu joħroġ linji ta' gwida.

15. Għandu jkun id-dmir tal-Bord li joħroġ linji ta' gwida fuq kull materja:

(a) li tirrigwarda tagħmir radjoloġiku,

(b) taħriġ ta' prinċipali, professjonisti mediċi, ta' min jirreferi u operaturi,

(c) dmirijiet ta' prinċipali, professjonisti mediċi, ta' min jirreferi u operaturi,

(d) kwalifiki ta' prinċipali, professjonisti mediċi, ta' min jirreferi, operaturi u esperti, u fuq kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam ma' dawn ir-regolamenti.